MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' April, 2011

Numru 412/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**
**VS**
**CHRISTIAN DIMECH**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christian Dimech ta' 19-il sena, bin Saviour u Giuseppa neè Busuttil, imwieled il-Pieta' fit-13 ta' Jannar 1991, residenti gewwa Binja Hesri, Ent D, Flat 4, Triq Dun Anton Vella, Siggiewi u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 61291(M);

Illi hu akkuzat talli nhar il-21 ta' Marzu 2010 ghall-habta tal-15:30Hrs, gewwa l-Buskett:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' xi arma regulari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Clayton Gomez Blanco, liema hsara tista' ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, u dan skond ma iccertifika Dr Ray Borg MD (Reg 1716) mill-klinika tal-Gvern tal-Furjana, u dan bi ksur tal-Artikoli 64, 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' fuq nuccali tal-vista, ghad-detriment tal-istess sid u cioe' Clayton Gomez Blanco, liema hsara hija iktar ta' iktar minn 116.57€ (mija u sittax-il Ewro u hamsa u sebghin centezmu) izda mhux aktar minn 1164.69€ (elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu) u dan bi ksur ta' Artiklu 325 (1) (b) tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol…) u dak ta' l-imputat (a fol…) fejn l-imputat ma jsibx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti issib l-imputat **Christian Dimech** hati skont l-akkuza u wara li rat l-Artiklu 214, 216, 325 u 28A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, tikkundanna l-imputat ghal sena prigunerija sospisa ghal tliet snin. In oltre ai termini ta’ Artikolu 383 Kap 9 il-Qorti tqieghed lil imputat taht garanzija ta’ 200 Ewro b’obbligazzjoni li ma jkellimx, javvicinax lil Clayton Gomez Blanco ghal zmien sena.

Il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat huwa *first offender* u li l-gerha hija zghira, pulita, hija orizzontali u tidhol fir-rugi naturali tal-wicc b’mod wiehed bilkemm jinnutha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------